MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru 896/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor V. Micallef**

**vs**

**Chilion-James Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Chilion-James Zammit ta’ 23 sena, iben Domnic u Antoinette nee’ Cutajar, imwieled nhar il-15 ta’ Settembru 1984, Pieta’ u residenti 1, Tal-Palma, Limiti t’ l-Mgarr u detentur tal-karta tal-identita’ numru 453484(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fl-31 ta’ Awwissu 2008 ghal habta ta’ 11:00p.m. gewwa jew fil-vicinanzi tar-Ryan’s Bar, sitwat fi Triq Wied Ghomor, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol

jew jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Karl Pisani.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Karl Paris jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Settembru 2008 (esebit *a folio 28* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tal-15 ta' Ottubru 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu l-fedina penali relattivament netta u l-fatt li huwa

rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li l-vittma hafirlu ghall-akkadut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------